**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Gabriel Tabone**

Numru: 68/2016

Illum 11 ta' Lulju 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gabriel Tabone,** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Francis u Lorenza nee' Attard, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fis-16 ta' April 1995, resident fil-fond Margherita, Triq il-Knisja, Ghasri, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17895(G), akkuzat talli nhar id-19 ta' April 2015 ghall-habta ta' 03:30hs fi Triq ir-Rabat, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Vauxhall Reg. Nru. GAB 004 ikkaguna l-mewt ta' Jessica Tabone u wegga' gravi lil Clint Spiteri u dan bi ksur tal-Artikoli 225(1) u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAB 004 b'manjiera traskurata u perikoluza bi ksur tal-Artikolu 15(b) u (c) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamel hsara involontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TAT 220 ghad-dannu ta' Clint Spiteri u dan ai termini tal-Artikolu 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u dan ai termini tal-Artikolu 2 tal-Avviz Legali 65.05;

5. U aktar talli saq vettura fit-triq wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt u dan ai termini tal-Artikolu 15 B (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu u cioe' ufficcjal tal-Pulizija kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tinfliggi l-piena stabbilita skont il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti fil-konfront ta' Gabriel Tabone ghal dak il-perijodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi;

Rat ir-rikors kungunt tal-Avukat Generali u tal-imputat Gabriel Tabone ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta illi jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti konguntivament, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat Gabriel Tabone ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, *tenendo* kont tal-fattispecie kollha tal-kaz, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' **sentejn (2) prigunerija li bl-**

**applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tal-ordni, tlett elef ewro (€3,000) multa, u skwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena**. Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, fosthom **il-hlas tal-ispejjez peritali kollha jew f'ammont li joghgobha tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti;**

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Jidher li f'dan il-kaz diga' thallas kumpens lill-qraba tal-vittma ta' mitejn u ghaxart elef euro (€210,000) skont dokument esebit a fol 449 et seq., fejn il-kawza ghad-danni civili, Kawza Nru. 6/2016 (MV) fl-ismijiet "Alan Tabone et vs Gabriel Tabone" giet irtirata fil-11 ta' Ottubru 2018.

**Negligenza kontributorja**

F'dan il-kaz, u cioe' jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja min-naha tas-sewwieq li kien isuq il-vettura li kienet fiha l-vittma, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkomenta anke l-Antolisei:

> *Nell'ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle cople, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro … Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle cople, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della piena*[1]

L-imputat irid iwieġeb għal agir tiegħu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-incident.

[1] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

Irrizulta li Clint Spiteri kien qieghed isuq il-vettura taht l-effett tal-alkohol u anke instabu tracci ta' Tethrahydrocannabinol (THC) acid fid-demm kif xehed l-espert forensiku barrani Dr. Michael Scott-Ham a fol 411 et seq., fejn qal:

> <u>The witness</u>:
> This one relates to Clint Spiteri and again, same date, the 21st of January two thousand and sixteen (2016) Dr Scerri brought those samples over to me and that comprised a preserved blood sample, a preserved serum or plasma sample and an unpreserved urine sample. So again we submitted those for alcohol analysis and a range of drugs and in the preserved blood sample we found alcohol at a concentration of sixty-four milligrams per hundred millilitres (64 mgs / 100 ml.),
> <u>Advocate Dr Marsette Portelli Xerri:</u>
> Which means that it was below average, right?
> <u>The witness</u>:
> At the time the sample was taken. But again we have to do a back calculation and in this case the average, using the average elimination rate, would work out at one hundred and forty milligrams per hundred millilitres (140 mgs / 100 ml) and a range from around one hundred up to one hundred and eighty milligrams per one hundred millilitres (100 – 180 mgs / 100 ml). So slightly lower than the other case.
>
> …
>
> <u>Advocate Dr Marsette Portelli Xerri:</u>
> What else resulted from the blood samples?
> <u>The witness</u>:
> Yes, we detected THC acid, Tetrahydrocannabinol acid which is the major body breakdown product of THC which is the active constituent of cannabis. So that was detected at a concentration of forty-nine nanograms per millilitre (49 ngs / 1 ml) but no THC itself was detected. We also detected a compound called Pethidine which is also known as meperidine but again that is a strong pain killer which is likely to be from the medical intervention. So with regards to the cannabis finding that shows Mr Spiteri had taken, used cannabis or cannabis resin at some stage. It could not have come from passive inhalation from

someone else's smoke, but we cannot say when it was last taken because no THC was detected. But the problem is THC can break down in the sample quite quickly. So when there is a long time delay between an incident such as this and the sample being analysed it could have been THC present but has broken down.

F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Clint Spiteri setghet kienet il-kawza **unika jew esklussiva** tal-incident.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[2]

[2] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali*

[3] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

*Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*

*Section 142[4] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime,*

[4] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

*reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.*[5]

L-Archbold meta jitkellem dwar il-linji gwida dwar sentenzi marbuta ma' incidenti tat-traffiku li jwasslu ghall-imwiet jikkwota mid-dibattitu tal-House of Lords fejn intqal:

> *"… it will mean that the families of those killed by careless drivers feel that the law is adequate to deal with the circumstances and that the justice system is on their side so that if, in all the circumstances, a court feels that custody is appropriate, it will be available. Of course, there will be instances—probably the majority—where custody is not considered to be the most appropriate penalty."*[6]

**Kazijiet ta' incidenti tat-traffiku li hallew vittmi**

Din il-Qorti se telenka numru ta' decizjonijiet li nghataw mill-Qrati taghna fejn jidhlu incidenti tat-traffiku b'konsegwenzi serji:

---

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[5] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[6] Sentencing Guidelines Council para 17-45

Fil-kaz **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela**, deciza mill-Qorti tal-Appell[7] fl-10 ta' Marzu 2005 intqal:

*"din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*

*Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa."*

**Il-Pulizija vs Kevin Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2013 – il-Qorti tal-Magistrati imponiet sentenza sospiza, u nonostante li l-Avukat Generali kien ukoll intavola appell, il-Qorti ikkonfermat sentenza sospiza "*ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda*

[7] Appell Kriminali Nru. 253/04 deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono

*raguni sabiex tvarja n-natura tal-piena li l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li tinfliggi".*[8]

**Il-Pulizija vs Alexander Portelli**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2001 – l-imputat gie kkundannat multa ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u l-imhallef sedenti fis-sentenza ghamel kumment fis-sens li fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni *"l-ewwel Qorti kienet ukoll korretta meta ma mponietx piena karcerarja."*

**Il-Pulizija vs David Rigglesford**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2005 [9] – il-Qorti bidlet piena ta' sentenza sospiza ghal multa *"in cases of involuntary bodily harm or homicide, the awarding of suspended prison sentences – particularly to foreigners who like appellant live away from these Islands – is not the best and most suited punishment in the circumstances, as such suspended sentences are mainly intended to ensure the rehabilitation of the offender and to deter him from relapsing – a very unlikely event in case of involuntary offences and accidents - this Court feels that this ground of appeal should be upheld and that the sentence of imprisonment – albeit suspended for two years – should be altered to a pecuniary punishment."*

**Il-Pulizija vs Roderick Cauchi**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-1 ta' Awwissu 2008 – il-Qorti imponiet piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin.

[8] Appell Kriminali Numru. 406/2010 deciz mill-Imhallef David Scicluna
[9] Criminal Appeal Number. 6/2007 decided by Hon. Mr. Justice Joe Galea Debono

**Il-Pulizija vs Geoffrey Fenech**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-10 ta' Novembru 2009 – il-Qorti imponiet 20 xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin.

**Il-Pulizija vs Charlo Farrugia** , deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-27 ta' Marzu 2009 – il-Qorti imponiet multa ta' Euro 2,500.

**Il-Pulizija vs Joseph Schembri** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-5 ta' April 2016 il-Qorti imponiet multa ta' Euro 4,000.

**Il-Pulizija vs Paul Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-30 ta' Gunju 2016 il-hati kien ikkundannat sentejn habs sospizi ghal erba' snin u Euro 3,000 multa.

**Il-Pulizija vs Paul Borg** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-8 ta' Novembru 2016 il-hati kien ikkundannat Euro 4,000 multa u 250 siegha xoghol fil-komunita'.

**Il-Pulizija vs Clive Tanti** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Dicembru 2016 fejn il-hati kien ikkundannat multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000) u Ordni ta' Servizz fil-Komunita` ta' erba' mija u tmenin (480) siegha.

**Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**[10] deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2018 fejn qalbet is-sentenza tal-

[10] Imhallef Edwina Grima Appell Nru: 89/2017

ewwel Qorti li kienet wahda ta' prigunerija effettiva u dan anke minhabba li kienet emendata l-ligi biex habs effettiv ma jkunx tassattiv, u imponiet sitt xhur prigunerija li kienu sospizi ghal zmien sena.

Fic-cirkostanzi u wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-negligenza kontributorja li seta' kien hemm u dan **mhux tal-vittma**, il-linji gwida li nghataw mill-qrati taghna fejn jidhlu incidenti tat-traffiku b'konsegwenzi serji hafna fejn il-Qorti tenfasizza li l-hajja ghandna nghozzuha mill-koncepiment sal-mewt u ghalhekk m'ghandna naghmlu xejn fil-hajja taghna li nipperikolaw il-hajja, il-fedina penali tal-imputat, il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura fil-pattegjament li sar bejn l-Avukat Generali u l-imputat Gabriel Tabone u se taddottah fil-piena li se tinghata.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikoli 225(1), 226(1)(a), 326, 141 u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 15(b) u (c), 15 B (1) tal-Kapitolu 65 u Artikolu 2 tal-Avviz Legali 65.05 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess, tikkundannah sentejn (2) prigunerija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum flimkien ma' multa ta' tlett elef ewro (€3,000).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' sentenza sospiza.

In oltre il-Qorti qeghda tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il xahar li tibda millum f'nofsillejl.

Fl-ahharnett il-Qorti wara li rat Artikolu 533 tikkundanna lil Gabriel Tabone ghall-hlas ta' spejjez peritali li jammontaw ghal elfejn tmien mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€2829.43).

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien stipulat fil-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**M'Jane Attard**
**Deputat Registratur**